HAL BALZAN

IS-SITT SENA NRU. 35 — MEJJU/ĠUNJU 1977

EDITORJAL

ILBIES U DEĊENZA

L-istaġun tas-sajf qiegħed magħna u s-sħana qawwija bdiet tinħass ġmielha. Bosta Maltin diġà bdew jfittxu l-beraħ tax-xtajtiet u l-frisk ta' xatt il-baħar fir-rikreazzjoni tagħhom. Ix-xemx tisreġ u tikwi tas-sajf Malti hija magħrufa minn kulħadd u bħal tistiednek tilbes ħafif u tqaċċat biex forsi ttaffi xi ftit mis-sħana tal-jiem sajfija. F'dan m'hemm xejn ħażin, anzi l-bniedem għandu jagħraf jadatta ruħu f'kollox, ukoll fejn jidħol ilbies.

Biss ma jiġix sajf li ma nisimgħux ilmenti u naqraw ittri ta' protesta f'gazzetti li joħduha kontra l-ilbies sfaċċat, u xi mindaqqiet indeċenti, ta' ċerti nies li, bl-iskuża tas-sħana u tal-moda, u forsi wkoll f'isem il-libertà li għandu jgawdi l-individwu, jidhrilhom li għandhom jilbsu kif iridu u kif idoqqilhom. U dawn it-talin ma jkunux barranin li jkunu ġew iżuru 'l pajjiżna bħala turisti, imma Maltin bħalna li jkunu tilfu kull sens ta' modestja u rispett lejn il-persuna umana.

Ma ninsewx li mhux kull moda hija tajba, u mhix libertà dik li biha toffendi s-sentimenti ta' ħaddieħor. Kull bniedem għandu dritt għal-libertà, u għax kull bniedem għandu dan id-dritt inti ma tistax tkun ta' tfixkil għal ħaddieħor b'ilbiesek, għax b'hekk tnaqqaslu l-libertà tiegħu. U allura jiġi li inti tkun qed tagħmel użu ħażin u tabbuża mil-libertà tiegħek.

Għalhekk nagħmlu appell biex ilkoll kemm aħna nagħrfu nirrispettaw 'il xulxin u lil Alla, nagħrfu napprezzaw il-modestja u d-deċenza, u b'hekk inżommu l-ambjent ta' madwarna nadif. Dan qed niktbuh mhux biss bħala nsara, imma wkoll bħala nies ċivilizzati, għax nemmnu li kull ċiviltà trid tinbena fuq id-dinjità tal-persuna umana.

ISMIJIET GĦAT-TOROQ ĠODDA

F'dawn l-aħħar snin ir-raħal ta' Ħal Balzan kiber, u kiber ħafna. Inbnew djar u vilel ġodda; l-għadd ta' nies li jgħixu f'Ħal Balzan żdied, u fost dawn insibu sew Maltin, Balzanin u minn barra r-raħal, kif ukoll barranin; u nfetħu toroq ġodda wkoll, hekk li llum lil Ħal Balzan tista' ssejjaħlu bejn raħal u belt. Toroq ġodda nfetħu f'diversi nħawi tar-raħal: wara l-knisja u lejn Wied Ħal Balzan, aktar 'l isfel bejn il-Wied u Triq il-Papa Piju XII, bejn il-Linja u t-Triq tar-Rabat, u wkoll f'tarf ir-raħal qrib il-Kulleġġ San Alwiġi.

Dawn it-toroq għadhom sal-lum mingħajr isem, minkejja li huma abitati sew, bir-riżultat li dan huwa ta' inkonvenjent kbir, mhux biss għar-residenti imma wkoll għal dawk li jmorru jżuruhom u għall-pustiera li jkunu jridu jwasslu l-ittri f'ħafna indirizzi twal u kkumplikati. Għamilna diversi appelli minn fuq il-gazzetta tagħna sabiex dawn it-triqat fis jingħataw isem, bħat-triqat ta' bliet u rħula oħra, u għamilna wkoll xi suġġerimenti dwar ismijiet (ara Ħarġiet Nru. 22 ta' Marzu/April 1975 u Nru. 33 ta' Jannar/Frar 1977). Nittamaw li s-suġġerimenti tagħna jingħataw widen u li fl-ismijiet tat-toroq il-ġodda naraw imfakkra Balzanin li taw xi kontribut siewi lil raħal twelidhom u lil Malta.

BOLLI ĠODDA

F'parti oħra tal-gazzetta hemm tagħrif qasir dwar is-sett ta' bolli ġodda li għadha kemm ħarġet il-Posta ta' Malta, li juru erbgħa mit-tapizzeriji sbieħ li nsibu fil-Mużew ta' San Ġwann tal-Belt. Dan is-sett lilna laqatna l-aktar minħabba li l-bolla taż-żewġ ċenteżmi, il-bolla li tintuża l-aktar f'korrispondenza lokali, turi l-Annunzjazzjoni tal-Madonna, u dan bħala Balzanin iferraħna. Iferraħna għax ifakkarna fit-titular tal-Parroċċa tagħna li aħna tant ngħożżu u li aħna tant kburin bih; iferraħna għax ifakkarna f'missirijietna li sa mill-qedem qiegħdu 'l Ħal Balzan taħt il-protezzjoni tal-Lunzjata; iferraħna għax ifakkarna fil-Madonna li tant ħenniet għalina u waqfet għal pajjiżna tul is-snin. Jalla din il-bolla nużawha wkoll fl-ittri tagħna lil qrabatna msefrin ħalli jqajmu fihom dawn l-istess sentimenti sbieħ li ma jistgħux ma jitnisslux f'min tabilħaqq iħobb lil raħal twelidu.

AĦSBU KMIENI GĦALL-ĦARĠA SPEĊJALI TAL-GAZZETTA FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TAL-LUNZJATA. (ARA PAĠNA 4).

IL-KNISJA PARROKKJALI (23)

L-ARTAL TAL-KOR

Wara li rajna xi ħaġa dwar l-Artal Maġġur, imiss issa li nidħlu fil-Kor tal-Knisja Parrokkjali u hemm insibu l-Artal Titulari. Dan l-artal hu kollu kemm hu ta' l-irħam. L-irħam tiegħu hu ta' lwien differenti u kif jgħidu dawk li jifhmu, dan l-artal hu magħmul minn irħam fin u rikk. Mal-ġnub ta' dan l-artal hemm żewġ stemmi tal-kunjom Sammut u mal-ġenb tal-mensa hemm il-kitba li tgħid li dan l-artal għamlu s-saċerdot Dun Salvu Sammut fl-1818. F'nofs l-artal hemm Relikwarju sabiħ ħafna.

L-EWWEL ARTAL

Naqraw f'wieħed mill-kotba ta' l-Amministrazzjoni tal-Knisja li l-prokuraturi tal-Knisja Dun Salv Debono u Dun Ġużepp Frendo, fl-amministrazzjoni tagħhom mill-24 ta' Awissu 1707 sa Diċembru 1709, ħasbu biex jagħmlu artal fil-Kor. Dan l-artal kien tal-ġebel u ġie mqiegħed f'jumejn: nhar is-26 u s-27 ta' Ottubru 1707. Aktar 'il quddiem żdiedet tavla Venezjana għall-iskannell u fit-18 ta' Diċembru ta' dik is-sena tħallset kwarta nbid spanjol ta' Vittorja kif ukoll l-ispejjeż ta' żewġ ikliet għal dawk li ħadmu fuq dan l-artal. Id-disinn ta' dan l-artal qam żewġ tari' u tħallsu nhar it-28 ta' Diċembru 1708. (1)

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN
Tiftix u kitba ta'
DUN ĠWANN DIMECH

Insibu li dan l-artal kien imsemmi għall-ewwel darba fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li kien għamel l-Isqof David Cocco Palmieri nhar l-20 ta' Mejju 1709. F'din il-Viżta, l-Isqof igħid li dan l-artal hu mibni fl-apside tal-Kor. Igħid li hu tal-ġebel u li hu tajjeb biex fuqu jista' jsir il-quddies. Iżda dan l-Isqof talab li madwar dan l-artal, kif ukoll madwar il-Kwadru titulari ta' l-Annunzjata, isir xi xogħol ta' l-iskultura biex b'hekk tisseb-baħ aktar l-apside. (2).

Seba' snin wara, insibu li l-Isqof Jacobus Canaves għamel Viżta Pastorali lil din il-Knisja nhar it-28 ta' Settembru 1716, u jgħidilna li sab li dan l-artal tal-Kor għandu l-mensa tiegħu ta' l-irħam abjad. (3).

SKANNELL ĠDID


Tagħrif aktar dwar dan l-artal jagħtihulna l-Isqof Alpheran De Bussan fir-relazzjoni tiegħu tal-Viżta li għamel nhar il-21 ta' Settembru 1745.

F'din ir-relazzjoni, barra milli nsibu deskrizzjoni dettaljata tal-Kor, sirna nafu kif kien l-iskannell ta' dan l-artal. Igħidilna li dan l-iskannell kien ta' l-injam mimli skultura u ndurat. Igħid ukoll li: "Fin-nofs ta' dan l-iskannell hemm teka (bħal niċċa żgħira) maħduma b'sengħa kbira u din imħarsa minn grada tal-ħadid biex tipproteġi xi Relikwi tal-Qaddisin. Fuq dan l-iskannell hemm sitt gandlieri u salib ta' l-injam indurati. (4)

Fil-Viżta ta' l-Isqof Vinċenzo Labini, tad-9 ta' Ġunju 1781, insibu li dan l-Isqof tana aktar dettalji dwar din it-teka fuq imsemmija u jgħidilna li din it-teka hi miżbugħa kulur tal-Lapis Lazzli u li hi mżejna bi ħjut tad-deheb u jgħid ukoll li fiha hemm Relikwija ta' biċċa xagħra tal-Madonna. (5)

REFERENZI

1. ARKIV. PARR: Lib 8 p. 31
2. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251
3. CANAVAS J.: Visit. Past.
4. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol. 323.
5. LABINI. V.: Visit. Past. fol. 289.



L-Artal tal-Kor, armat għall-Festa titulari tal-Lunzjata.

KORREZZJONI

Nixtieq ninforma lill-Bord Editorjali li, fl-aħħar artiklu tiegħi li deher fil-ħarġa ta' Marzu/April 1977 Nru. 34, bi żvista deher li t-Tużell li hemm illum ġie "ddisinjat mill-magħruf Ġużeppi Calleja". Dan irid jinqara li: "Dan it-Tużell ġie ddisinjat mill-magħruf Perit u Arkitett Enrico Calleja li twieled f'Ħal Balzan nhar il-25 ta' Diċembru 1847. Ġie mgħammed l-għada f'din il-Parroċċa (ara Lib. Bap. IV fol. 28 Nru. 227), u miet nhar it-28 ta' Frar 1939".

Dun Ġwann Dimech

COMBINED INDUSTRIES LIMITED

JOSEPH LICARI — TOBACCO DIVISION

Telephone: 24301

ARS VITREA — GLASS AND MIRRORS DIVISION

Telephone: 40323

UTILITY WOODWORKS — FURNITURE AND JOINERY DIVISION

Telephone: 42027

MALTA ALUMINIUM LIMITED

Telephone: 42027

100, St. Anthony Street, Lija, Malta.

Cable Address: Jolica, Malta.

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-
BORD EDITORJALI — "ĦAL BALZAN"

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel'
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

X'ĠARA FOSTNA

MARZU 1977

L-Eżerċizzi tar-Randan saru bejn is-7 u l-25 ta' Marzu. Saru b'kollox erba' korsijiet ta' eżerċizzi: dak għal kulħadd, li fih ippriedka Dun Anton Sciberras; għaż-żgħażagħ, minn Dun Nazzarenu Tonna; kors għan-nisa u ieħor għall-irġiel, li l-predikaturi tagħhom kienu Dun Philip Grech S.D.B. u l-Kan. Emmanuele Grech rispettivament.

Mit-Tnejn, 21 ta' Marzu, sal-Ġimgħa, 1 t'April, sar 'Jumble Sale' fiċ-Ċirkolu tax-Xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika. Dan is-sale sar b'risq id-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi.

Il-festa liturġika ta' Marija Annunzjata, Patruna tar-raħal tagħna, ġiet iċċelebrata nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Marzu. Fit-8.00 a.m. saret quddiesa letta bit-tqarbin fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes. Fil-5.30 p.m. tkanta l-għasar, u wara r-Rużarju u ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, ħarġet il-Quddiesa Kantata. Fil-għaxija sar marċ mill-Banda 'San Gabriel' u programm fuq iz-zuntier tal-knisja.

Nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, sar fis-Sala Parrokkjali 'Aurora' kunċert orkestrali mill-Orkestra tat-Teatru Manoel, organizzat mill-Ministeru tal-Kultura. Għal dan il-kunċert, li d-dħul għalih kien b'xejn, attendew ħafna nies.

APRIL 1977

Il-festa tad-Duluri ta' Marija Santissma din is-sena saret il-Ġimgħa, l-1 ta' April. Għal sena oħra, il-purċissjoni tad-Duluri reġgħet ġibdet ħafna nies mill-oqsma kollha tal-ħajja — tfal, żgħażagħ, u kbar, irġiel u nisa. Tul il-purċissjoni ngħad ir-Rużarju minn fuq il-'loudspeakers', u wara saret il-Quddiesa kantata bil-priedka.

Il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fetħu nhar Ħadd il-Palm, 3 t'April, bil-funzjoni tat-Tberik taż-Żebbuġ fis-7.15 a.m. L-Erbgħa ta' wara saret għal darb'oħra l-Via Sagra fit-toroq tal-Parroċċa. Il-funzjonijiet tat-tlitt ijiem imqaddsa kienu bħal fl-imgħoddi, u l-Balzanin kellhom il-programm stampat li tqassam fid-djar tal-Parroċċa.

Nhar Ħamis ix-Xirka saret quddiesa letta fil-5.00 p.m. Il-Quddiesa Konċelebrata u l-funzjoni tal-ħasil tar-riġlejn bdiet fis-6.00 p.m. u ntemmet bil-purċissjoni Ewkaristika għall-Artal tar-Repożizzjoni. Fit-8.15 p.m. saru l-viżti lil Ġesù Ewkaristija mal-Kappillan. Fl-10.30 p.m. saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Ħafna nies minn barra r-raħal żaru l-Knisja Parrokkjali tagħna biex jinviżtaw is-Sepulkru.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu saru l-viżti għat-tfal. Fit-3.00 p.m. saret il-funzjoni liturġika bl-Adorazzjoni tas-Salib u t-Tqarbin, li għaliha attendew ħafna nies. L-għada, Sibt il-Għid fit-8.00 p.m. saret il-funzjoni tat-tberik tan-nar u t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija, u tfakkar il-Qawmien mill-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. L-għada tal-Għid, beda t-tberik tad-djar u l-familji tal-Parroċċa mill-Kappillan.

Nhar it-Tnejn, 4 t'April, saret għall-ewwel darba fil-Parroċċa tagħna l-Vestizzjoni ta' l-abbatini. Disgħa u għoxrin tifel mill-Parroċċa tlibbsu l-ilbies imbierek biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' abbatini fil-Knisja Parrokkjali. Għal din iċ-ċerimonja (ara r-ritratt), li tmexxiet mill-Kappillan tal-Parroċċa megħjun minn Dun Alwiġ Deguara, Direttur ta' l-Opra Nazzjonali ta' l-Abbatini, attendew il-ġenituri u l-qraba tat-tfal, li wara kellhom riċeviment fis-Sala Aurora.

Fil-ġimgħa bejn is-17 u t-23 t'April saret ma' Malta kollha l-Ġimgħa ta' l-Azzjoni Kattolika. F'Ħal Balzan saru laqgħa ta' talb u kant għaż-żgħażagħ, laqgħa għall-ġenituri fis-Sala, quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa u wkoll adorazzjoni fil-Knisja. Il-Ħadd ta' wara, 24 t'April, kien jum il-Vokazzjonijiet, u għal dan il-għan saret adorazzjoni bil-priedka fil-knisja l-Ħamis ta' wara, 28 mix-xahar.

IL-LUNZJATA F'MALTA U GHAWDEX

QRAJT B'INTERESS KBIR FIL-ĦARĠA NRU. 34 IŻ-ŻEWĠ ARTIKOLI FERM SBIEĦ, "ID-DEVOZZJONI TAL-LUNZJATA F'MALTA" TAL-KOLLEGA TIEGĦI L-ARTIST CHEV. RAFEL BONNICI CALI' TA' ĦAL TARXIEN, U "IL-KNISJA TAL-LUNZJATA FIR-RABAT T'GĦAWDEX" MILL-KANONKU STORJOGRAFU NIKOL VELLA APAP T'GĦAWDEX.

Nammetti li biex iżżid fuq dak li qalu żewġ studjużi bħal dawk fuq suġġett tant għal qalbhom u f'pajjiżhom irid ikollok ċertu kuraġġ. Għaldaqstant ingħid biss xi riflessjonijiet ta' natura storika dwar l-ewwel artikolu u xi ineżattezzi żgħar żgħar fit-tieni.

Kitba tal-Kav. JOSEPH BORG K.M., Ph.C., L.P.

Il-Kav. Rafel semma l-knejjes antiki tal-Lunzjata f'Malta u Għawdex, però dwar it-tnejn l-iżjed antiki fosthom forsi bniedem jista' jżid xi ħaġa aktar; irrid ingħid dwar dik fil-kuntrada tax-"Xagħra tal-Lunzjata" qrib ix-"Xagħra ta' Santa Katerina", jew id-Daħla, jew San Leonardu fuq il-Wied ta' Liemu barra r-Rabat-Malta, u dwar dik semi-troglodita fil-kuntrada tas-Saqqajja jew ta' Wied il-Lunzjata barra r-Rabat-Għawdex. Dawn iż-żewġ knejjes mill-aktar bikrin fiż-żewġ Gżejjer għeżież tagħna kienu t-tnejn mibnija fl-1370 mis-Sinjura Margerita d'Aragona u oħtha Sibilla rispettivament, u mogħtija, flimkien ma' ħafna għelieqi fil-qrib tagħhom, lill-Patrijiet tal-Karmnu li huma kienu għadhom kemm ġagħlu li jiġu hawn minn Sqallija f'dik is-sena stess. F'Għawdex, però, Sibilla xtaqet li l-knisja titmexxa tul ħajtu mir-Reverendu Pietru Barba. Dawn iż-żewġ nisa nobbli u sinjuruni, Margerita, armla ta' Ġakbu di Pellegrino, Kaptan tal-Virga fl-Imdina, u Sibilla, xebba, kienu wlied ta' Guliermu t'Aragona, iben naturali tar-Re ta' Sqallija Federiku III, "is-Sempliċi" (1355-1377), u li dan missieru kien għamlu "Konti ta' Malta" fejn baghtu biex, ta' 'sempliċi', jeħles minnu waqt li fl-1362 kien irregala lil Ġakbu l-fewdu "venerando" ta' Beniarrat jew ta' San Pawl Milqi, oħthom kienet Isabella, mart in-nobbli Lanza Carobeni, li fl-istess sena 1370 waqqfet u ddotat sewwa l-Abbazija tad-Dejr tal-Patrijiet Benedittini fil-katakombi nsara antikissimi fin-naħa ta' Bir ir-Rieħbu, ukoll barra r-Rabat ta' Malta, ad unur ta' l-istess "Lunzjata". Dawn il-Patrijiet Karmelitani qatt ma ħadu f'idejhom dil-knisja tal-Lunzjata t'Għawdex, però naturalment żammet l-għelieqi ta' magħha li ftit minnhom għadhom tagħhom sal-lum, kif għadhom tagħhom xi wħud minn dawk fid-"Daħla" f'Malta. Mhux ta' b'xejn mela r-ritratt ta' din Margerita jiddomina l-bieb minn ġewwa tal-kunvent tagħhom fl-Imdina.

Meta l-Katidral ta' Malta u l-Matriċi t'Għawdex ħadu parti sewwa minn dawk l-għelieqi, peress li fuq il-kleru ta' dawn iż-żewġ knejjes primarji waqgħet il-kura tal-erwieħ, li suppost kienet f'idejn dawn il-Patrijiet f'Malta wisq raġunevolment trekknu ġewwa s-swar minħabba l-biża' kbira tal-furbani Torok u f'Għawdex għax qatt ma stabilixxew ruħhom hemm, fil-Katidral għamlu l-artal tal-kappellun lemini dedikat lil-Lunzjata, waqt li f'Għawdex fil-kwadru prinċipali (ċ. 1460) li kien b'seba' partijiet (għadhom jeżistu) għamlu tnejn minnhom jirrappreżentaw lill-Madonna Mħabbra u lill-Arkanġlu Gabriel.

Id-devozzjoni ta' dal-misteru tal-ferħ kienet hekk profonda fost l-antenati tagħna li waqt li f'Malta l-aqwa żewġ niċeċ tat-toroq kbar u sbieħ huma ddedikati lil-Lunzjata, f'Ħal Balzan/Lija/Attard u barra Ħal Tarxien (fit-Triq tal-Barrani lejn Birżebbuġa), hekk ukoll tnejn sbieħ u kbar daqshom jekk mhux iżjed minnhom jinsabu fl-Għasri (fil-bidu ta' dar-raħal żgħir) u f'tarf Triq Għajn Qatet (fejn jispiċċa r-Rabat fuq ir-riħ tax-Xewkija) f'Għawdex.

Infatti anki l-aqwa dekorazzjoni tal-ex Renju tal-Italja kienet: "Il Collare dell'Annunziata".

Issa niġi għal xi punti żgħar mit-tieni artikolu li, altrimenti, huwa sabiħ u eżawrijenti ħafna tassew:

(1) Dun Ġlormu Borg li kien Kappillan ta' Ħal Qormi.

(Dan il-Kappillan ta' Ħal Qormi, 1534-1560, kien jismu Ġiljan — ara ismu ma' l-armi tal-Kappillani fis-sagristija ta' San Ġorġ — Qormi).

(2) Fl-1591 il-Gran Mastru Garzes.

(Trid tiġi: Fl-1596, difatti Garzes kien 1595-1601).

(3) Dun Nikol Mangion, Vigarju ta' l-Isqof, miet fis-17 ta' Settembru, 1656. (Trid tiġi ta' Diċembru, 1656: ara l-iskrizzjoni mar-ritratt tiegħu fl-Università l-qadima fil-Belt).

(Ikompli f'paġna 3)



L-abbatini, flimkien mal-Kappillan, il-Kan. Dun Karm Sciberras, u d-Direttur Nazzjonali ta' l-abbatini, Dun Alwiġ Deguara, dak in-nhar tal-vestizzjoni solenni — 4 ta' April, 1977.

HONEYROSE DE LUXE - CIGAR ETTES

EXCLUSIVELY HERBAL — NATURALLY NICOTINE FREE

TELEPHONE 32285

ĦAL-BALZAN FIL-KTIEB "WIRT MALTA FIL-ĠEBEL"

"Wirt Malta fil-Ġebel" huwa ktieb li ġie ppubblikat m'ilux minn Midsea Books Limited. Dan il-ktieb huwa ġabra ta' ritratti minn 'Din l-Art Ħelwa', ippubblikat sabiex titfakkar is-Sena tal-Wirt Arkitettoniku Ewropew 1975.

Il-ktieb fih b'kollox 124 ritratt, li jagħtu ideja tajba ta' l-iżvilupp ta' l-arkitettura Maltija mill-Perjodu Megalitiku sas-sekli 19 u 20. Fih insibu ritratti ta' fortifikazzjonijiet, palazzi, knejjes, kif ukoll gallerji, triqat, kappelli u niċeċ.

Ħal Balzan huwa rappreżentat ukoll f'dan il-ktieb. Ir-ritratt numru 70 juri dar privata tal-bidu tas-seklu 20, eżempju sabiħ ta' l-istil 'liberty' f'Malta. Din id-dar tinsab fi Triq il-Kbira, kantuniera ma' Triq San Franġisk. Ir-ritratt numru 81, li jiftaħ it-taqsima 'Galleriji', juri l-gallerija tipikament Maltija li tinsab f'bini tas-seklu 16 fi Triq Providenza, kantuniera ma' Triq it-Tliet Knejjes.

IL-LUNZJATA F'MALTA U GHAWDEX

(jaqbad ma' paġna 2)



Ritratt tas-sinjura Margerita d'Aragona li jinsab fuq innaħa ta' ġewwa tal-bieb tal-kunvent tal-Karmelitani fl-Imdina.

(4) Wara jumejn (allura fil-5 ta' Mejju 1678?) ġie msejjaħ mis-Sultan Perellos. (Trid tiġi fl-1698, difatti Perellos kien 1697-1720).

Naturalment jaqbel, la darba qiegħed ingħid xi ħaġa dwar dan l-artiklu, li ngħid ukoll żewġ naqriet dwar l-ewwel parti tiegħu li dehret f'Nru. 33 ta' Jannar/Frar 1977:

(a) Sinjura Sibilla d'Aragona fis-sena 1347 bħalma jidher fi ftehim mar-Re Martinu. (Trid tiġi 1370 fi żmien ir-Re Federiku III, 1355-1377 u mhux Martinu I, 1377-1409).

(b) Mangion li ħa dan il-benefizzju wara Tabone.

(Hawnhekk, peress li l-uniku Tabone msemmi qabel huwa Fra Pawl tal-1500, u Mangion ħadu fl-1644 wara l-mewt tal-Kjeriku Pietru-Pawl Tabone, "per ogni buon fine", isem dan Tabone għandu jidher: wara l-Kjeriku Pietru-Pawl Tabone).

Dawn huma osservazzjonijiet żgħar ħafna, u jaħarbu lil kulħadd: eċċettwat, naturalment, lil dak li ma jagħmel xejn.

Mela prosit lil kulħadd, grazzi ħafna u nselli mill-qalb.

F'BAHAR WIEHED

Ħal Balzan kien wieħed mill-postijiet li fih ġew iffilmjati taqsimiet mill-episodji tat-teleserial ta' Lino Grech "F'Baħar Wieħed", li ilu jidher ta' kull ġimgħa fuq it-Television Malti għal dawn l-aħħar xhur. Rajna 'shots' tal-Knisja Parrokkjali u z-zuntier, u ta' diversi triqat u mkejjen oħra f'Ħal Balzan. Dehru wkoll xi Balzanin, li waqt li kienu għaddejjin mit-triq, ġew mgħarrfa li se jidhru fuq it-television.

Forsi kienet ukoll din ir-raġuni li għaliha l-Balzanin urew ċertu nteress f'dan il-programm televiżiv.

MUSCAT FLORA

POPE ALEXANDER JUNCTION
BALZAN TEL. 42479

Din id-Ditta hija Fergħa tal-
GIARDINO ALLEGRA ta' Catania

MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512

Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insettiċidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ fiħall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

ROKNA GHAT-TFAL

Tfal għeżież,

Ebda xahar m'hu hekk sabiħ daqs ix-xahar ta' Mejju. Sa mill-qedem, dan ix-xahar kien magħżul bħala l-isbaħ xahar tas-sena, għax fih in-natura ta' madwarna tieħu dehra oħra. Jispiċċaw il-granet tal-maltemp u jibda l-bnazzi. Is-siġar jimtlew bil-frott. Il-ġurnata titwal u bosta nies jibdew jersqu lejn il-baħar.

Il-bniedem fil-ħajja tiegħu għandu wkoll l-isbaħ żmien. Dan hu ż-żmien ta' meta jkun għadu żgħir, ta' meta jkun għadu tifel u riesaq biex isir żagħżugħ. F'dan iż-żmien ikun eħfef għalina li nistudjaw, nitgħallmu aktar malajr, nifilħu aktar inbatu u eħfef għalina li niftakru dak li nkunu studjajna.

Għalhekk dan ix-xahar ta' Mejju fis-sbuħija kollha tiegħu għandu jfakkarkom li issa hi l-isbaħ età tagħkom, issa hu ż-żmien li tagħmlu ħafna għemejjel tajba, li tfewħu ħajjitkom bil-qadi ta' dmirijietkom bħalma Mejju jfewwaħ il-ġonna kollha tagħna. Tinsewx li l-bniedem mhux dejjem żagħżugħ, u li meta jikber ma jkunx possibbli għalih li jagħmel kull ma seta' jagħmel meta kien żgħir. Għalhekk il-qawl Malti jgħid: "Min ma jaħdimx meta jista', ma jaħdimx meta jrid."

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Il-kompetizzjoni ta' din id-darba hi ftit li xejn differenti mill-kompetizzjonijiet ta' drabijiet oħra. Qegħdin taraw dawn id-disa' numri. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tirranġaw in-numru b'tali mod u manjiera li meta tgħodduhom mix-xellug għal-lemin, jew bil-maqlub, minn fuq għal isfel jew djagonalment, jiġifieri minn ponta għal ponta, ir-riżultat ikun dejjem in-numru 21. I-numri huma dawn: 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11.

3	4	5
6	7	8
9	10	11

Bħas-soltu, ibagħtu l-kompetizzjoni tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-letterbox ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 18 ta' Ġunju, 1977

It-tweġibiet ta' l-aħħar kompetizzjoni kienu:
BAĦAR — ħarab, ħarba, aħrab, aħbar, ħabar.
MARSA — samra, saram, sarma.
MARDA — marad, radam, drama.
KTIEB — ikteb, kiteb, bkiet.

Ir-rebbieħa ta' l-aħħar kompetizzjoni hi Marica Tonna, li toqgħod 'Joe House', Triq il-Papa Alessandru VII, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulha.

VITAFOAM
ISEM TA' GARANZIJA
PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:
VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)
Telephone: 36275/76

LILL-QARREJJA

Ibagħtu l-korrispondenza u s-suġġerimenti tagħkom f'dan l-indirizz:—

"Hal Balzan"
c/o Każin tal-Banda
"San Gabriel",
Hal Balzan.

Tistgħu tkellmu wkoll lil xi membru tal-Bord Editorjali, li hu ffurmat minn:—

Charles Bonello; Carmel Bezzina B.A.; Guido Borg; Anthony Fenech u Valentino Muscat.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Saru wlied id-Dawl bil-Magħmudija
Daniel Borg, bin Jimmy u Linda.
Theresa Spiteri, bint Angelo u Nancy.
Maria Pia Spiteri Maempel, bint Mario u Anna
Charlotte Sant Portanier, bint Anthony Ph. Ch. u Helen.
Natasha Agius, bint Dr. Frank M.D. u Mary-Anne.

Qaddsu l-imħabba tagħhom fid-Dawl ta' Kristu
Jimmy Caruana u Valerie Zarb.

Ħallew id-dlam tad-dinja u għaddew għad-Dawl ta' dejjem
Dr. Joseph M. Glavina, M.D.
Dolores Sammut.
Manwel Calleja.
Concetta Bonello.
Suor Raffaela Borg, tas-Sorijiet tal-Karità.
Suor Marta Corso, tas-Sorijiet tal-Karità.
Spiridione Catania.

IL-KNISJA TAL-LUNZJATA FIR-RABAT T'GHAWDEX

It-tielet taqsima ta' artiklu miktub mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap. L-ewwel u t-tieni taqsima dehru fil-ħarġiet Jannar/Frar u Marzu/April ta' din is-sena.

Retturi ta' din il-Kappella

Dun Girgor Attard (ta ' Damjan) minn Kerċem.

Dun Pawl Micallef mill-Belt Victoria li huwa l-fundatur ta' l-oratorju 'Don Bosco' fir-Rabat.

Dun M'Anġ Grech minn Kerċem, ex-sagristan maġġur tal-Katidral. Fi żmien dan ir-rettur kienu jieħdu ħsieb il-Kappella Ċensu Cauchi u Ġużeppi Zammit, li kien mazzier tal-Kapitlu Katidrali, sagristan f'din il-knisja fejn wara għadda bħala sagristan fil-Bażilka ta' San Ġorġ. Fi żmien Dun M'Anġ Grech, f'nhar il-festa tal-Lunzjata, kważi n-nies kollha ta' l-Għarb kienet tiġi f'pellegrinaġġ biex titlob fil-kappella. Bil-ħidma tiegħu nbniet il-kamra li semmejna aktar 'il quddiem mill-bennej Karlu Vella, fejn ħallas għaliha r-rettur tas-Seminarju ta' Malta Dun Mifsud. Fi żmienu wkoll kienet inġabret it-tieni qanpiena li kienet fil-kappella ta' Santa Barbara. Din il-qanpiena kienet iddoqq biex issejjaħ il-ħabsin biex jiġu jisimgħu l-quddiesa fil-Ħdud u l-btajjel, billi fil-ħabs ma kienx hemm kappella. Il-quddiesa lill-ħabsin kien iqaddisha Dun Ġużepp Portelli u wara Dun M'Anġ Grech.

Wara Dun M'Anġ Grech, insibu lil Dun Ġużepp Azzopardi minn Kerċem li kien kappillan tal-kor tal-Katidral. Dun Ġużepp, li huwa r-Rettur preżenti, ġie magħżul monsinjur tal-katidral bħala Ko-adjatur tal-Mgr. Dekan Guliermu Grima. Mgr. Azzopardi ħa l-pussess nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru, 1975.

(N.B. Dawn in-noti dwar ir-retturi tal-Kappella tahomli Dun M'Anġ Grech (tal-Batut) minn Kerċem li għamel 50 sena bħala sagristan Maġġur fil-Katidral).

Il-Kappella tal-Lunzjata fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija

Il-Madonna tal-Lunzjata, kif nafuha aħna, in-nies iżuruha mhux biss matul ir-Randan u fix-xahar ta' Marzu, iżda matul is-sena kollha. Imma jekk minn dejjem in-nies kienet tmur f'dan is-santwarju storiku, żgur li fit-tieni gwerra dinjija fittxitu aktar — l-aktar meta n-nies kienu jmorru f'dawk l-għerien li hemm wara l-knisja. Dan li se ngħid, ġbartu minn fomm is-sinjura Vinċenza Dimech, li tiġi Omm ir-Rev. Dun Ġwann Dimech, meta fil-gwerra kienu refuġjati fir-Rabat t'Għawdex kważi fit-triq fejn noqgħod jien. Lil Dun Ġwann nafu jistudja fis-seminarju t'Għawdex u niftakar sewwa meta għamel l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja Proto-Parrokkjali, illum Bażilka, ta' San Ġorġ, li hija wkoll Kolleġġjata. Kien fl-24 t'April, 1949.

Is-sinjura Vinċenza Dimech qaltli li l-Isqof Mgr. Mikiel Gonzi kien taha ċ-ċwievet ta' din il-Kappella biex tkun tista' tmexxiha hi. Kienet is-sena 1941. Hekk li dan l-Isqof, billi kien hemm xi refuġjati jgħixu f'dawk l-għerien, kien amar ls-sinjura Dimech biex darba fix-xahar tagħmel jum espożizzjoni. Fuq hekk l-Isqof kien għamel din il-kappella sagramentali. Il-jum espożizzjoni ta' darba fix-xahar kien jagħlaq b'siegħa Adorazzjoni mmexxija mis-sorijiet Dumnikani tal-Belt Vittorja. L-isfera kienet tinġieb mill-Knisja ta' Santu Wistin. L-imsemmi Isqof Mgr. Gonzi, li dak iż-żmien kien Isqof t'Għawdex, kien ta wkoll il-permess lis-sinjura Dimech biex tagħmel żewġ quddisiet kuljum. L-elemosina tal-quddiesa kienet tiġi maħruġa mill-kurja u s-sinjura Dimech kienet tħallas il-pedaċċ minn butha. Dawn iż-żewġ quddisiet kienu jsiru waħda fil-5 a.m. u l-oħra fis-6.30 a.m. Din ta' l-aħħar kienet titqaddes mill-Kan. Fleri ta' San Pawl tal-Belt li kien refuġjat f'Kerċem.

Is-sinjura Vinċenza Dimech damet tieħu ħsieb il-kappella tal-Lunzjata għal tliet snin (1941-44). F'dawn it-tliet snin is-sinjura Dimech kienet torganizza wkoll l-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan. Il-predikaturi li kienu jippriedkaw l-eżerċizzi huma: 1) Dun Tarċisju Gatt li wara li kien ċeremonier Djoċesan sar Monsinjur tal-Katidral; (2) Patri Anġ. Pizzutu O.S.A. li f'dak iż-żmien kien igħix f'Għawdex fejn kien imfittex ħafna għall-priedki. F'din il-kappella, is-sinjura Dimech kienet tagħmel festi lil San Ġużepp u lil Sant'Anna, omm il-Madonna. Il-ħasil tal-ħwejjeġ, inbid, ostji, żejt għas-Santissmu u x-xema' kienu jitħallsu kollha mis-sinjura Dimech. Ratal xema' (tal-quddies) dak iż-żmien kien £1. 4s. Ix-xema' kienet tordnah minn Malta.

Aktar 'il quddiem għidna li kienu jsiru żewġ quddisiet. Dawn kienu jsiru għaliex kien hemm ħafna refuġjati Maltin f'Kerċem u xi nies mir-Rabat kienu jgħammru f'dawk l-għerien. Wieħed mir-refuġjati qassisin Maltin kien il-magħruf Latinista Dun Ġużepp Schembri li jiena kont nafu wkoll, Alla jaħfirlu. Ġewwa l-Lunzjata kienu tħaffru għerien biex iservu bħala 'shelters' mill-familji Dimech, Catania, u Bonavia li kienu wkoll Maltin u kienu ħallsu l-flus għalihom huma stess. L-art biex sar ix-xogħol ġiet meħuda mingħand Kalanġ Vella minn Kerċem.

Il-flus li kienet iddaħħal is-sinjura V. Dimech kienet toħodhom lil Dun M'Anġ. Grech, ir-Rettur ta' din il-kappella. Lis-sinjura Dimech barra li ħadet ħsieb sewwa ta' din il-kappella matul it-tieni gwerra dinjija, nistgħu wkoll insejħulha benefattriċi tagħha, għaliex barra li ħalliet il-purtiera tad-damask għall-bieb, ħalliet ukoll nofs tużżana vażetti tal-kristall u pjaneta maħduma mis-Sorijiet Franġiskani tal-Belt Victoria. L-imsemmija sinjura kienet tiġbor ukoll it-tfal ta' dawk l-inħawi u binha, li llum huwa Dun Ġwann, kien igħallimhom id-duttrina. Għad-duttrina, bħala sinjal lit-tfal, li kien sar il-ħin, kienet tindaqq il-qanpiena. Is-sinjura V. Dimech f'okkażjonijiet differenti barra l-eżerċizzi, kienet ukoll issejjaħ predikaturi magħrufa biex dawn jippriedkaw fil-kappella. Dawn kienu: l-Arċipriet tal-Parroċċa tar-Rabat Mgr. Mikiel Cefai, illum Vigarju Ġenerali; Patri Anġ. Pizzuto O.E.S.A., Dun Tarċisju Gatt; Patri Anton Tonna ta' l-Ordni ta 'Santu Wistin, li dak iż-żmien kien igħammar fil-Kunvent tar-Rabat; u Patri Bonaventura Chetcuti O.E.S.A. Għall-kumditò ta' kulħadd, is-sinjura V. Dimech kienet iġġib ukoll konfessuri barranin.

Is-sinjura Vinċenza Dimech, fiż-żmien li għamlet f'Għawdex bħala refuġjata, ħadmet mingħajr interessi għan-nies ta' dawk l-inħawi li kienu refuġjati u jinġabru fil-kappella tal-Madonna tal-Lunzjata. U l-Verb li sar Bniedem bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu fi ħdan Marija Santissma ħallsuha, għaliex tawha l-isbaħ rigal li wieħed minn uliedha jsir qassis u li qiegħed jaħdem fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan li hija wkoll meqjuma lill-Misteru ta' meta Marija ġiet imħabbra li sejra ssir Omm Alla.

(N.B. Dawn in-noti storiċi qalithomli s-Sinjura Vinċenza Dimech f'Marsalforn fl-4 t'Awissu 1976 fid-dar tagħha quddiem binha Dun Ġwann).

— TMIEM —

BOLLA TA' MALTA TA' L-ANNUNZJATA

Nhar it-30 ta' Marzu ta' din is-sena, il-Posta ta' Malta ħarġet sett ġdid ta' erba' bolli li juru erbgħa mill-Arazzi li nsibu fil-Mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Dawn l-erba' bolli juru l-Annunzjazzjoni tal-Madonna, l-Erba' Evanġelisti, it-Twelid ta' Ġesù, u l-Adorazzjoni tal-Maġi.

Dawn it-tapizzeriji kbar, li l-biċċa l-kbira minnhom inħadmu fuq pitturi tal-pittur magħruf Pietru Pawl Rubens (1577-1640), kienu ġew ordnati mill-Gran Mastru Ramon Perellos, hekk kif laħaq Gran Mastru ta' l-Ordni fl-1697. Is-sett inħadem fil-Belġju f'inqas minn tliet snin u sewa erbgħin elf skud. Ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni ta' De Vos, membru ta' l-aktar familja magħrufa għat-tapizzeriji f'dak iż-żmien. (Ara l-Editorjal).

Martin Spiteri

HARĠA SPEĊJALI TAL-FESTA

Infakkru lill-qarrejja kollha li l-ħarġa Lulju/Awissu tal-gazzetta se tkun ĦARĠA SPEĊJALI fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata. Din il-ħarġa se tkun b'aktar paġni u, bħas-sena li għaddiet, se jkun fiha wkoll suppliment ta' 4 paġni bl-Ingliż.

Kull min jixtieq jibgħat xi kitba għall-pubblikazzjoni, sew bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, għandu jibgħatha mhux aktar tard minn nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN


STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS,

NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

PROFILI BALZANIN — 5

DUN GWANN ZAMMIT HAMMET



Dun Ġwann Zammit Hammet twieled Ħal Balzan, fil-25 ta' Ġunju, 1928, minn Salvatore u Maria Antonia neé Lebrun.

Huwa beda l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi Birkirkara, fejn dam tliet snin, u wara daħal is-Seminarju ta' Għawdex.

Fis-sena 1953 ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann mill-Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali. Immedjatament wara l-ordinazzjoni tiegħu, beda jaħdem bla heda fil-parroċċa tagħna fejn beda jiġi magħruf għax-xogħol tiegħu fil-ġbir u lotteriji, kif ukoll għat-tqarbin tal-morda li beda jagħmel kuljum, xogħol siewi u fejjiedi li jeħodlu ħafna ħin kif ukoll jieħdu ta' kuljum min-naħa għall-oħra ta' Ħal Balzan. Iddehra ta' Dun Ġwann fit-toroq tagħna, li ta' kull filgħodu joħroġ iqarben il-morda, hija xi ħaġa li bla dubju tferraħ lill-Balzanin.

Fl-1959, daħal 'visiting master' fil-Liċeo, fejn beda jgħallem it-Taljan, u sena wara nsibuh jgħallem l-istess suġġett fit-"Technical School."

Bejn l-1953 u l-1958 kien jieħu ħsieb il-Piccolo Clero ta' Ħal Balzan. Fl-1956 ġie maħtur Assistent Ekkleżjastiku ta' l-A.K.M., kariga li għadu jokkupa sal-lum, u fl-1966 sar Direttur Spiritwali tal-Legion of Mary.

Ta' min isemmi li Dun Ġwann Zammit Hammet huwa direttur spiritwali ta' xi wħud mill-każini ta' Ħal Balzan. Hekk fl-1954 ġie magħżul biex ikun kappillan spiritwali tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel', tal-Każin 'Marija Annunzjata', tal-Każin tal-Football 'Balzan Youths', u fl-1975 ġie magħżul ukoll biex ikun direttur spiritwali tal-Każin Nazzjonalista '21 ta' Settembru'.

Dun Ġwann kien membru fil-Kumitat tal-Pittura ta' l-1957. Fl-1965 ġie maħtur Viċi-Parrokku tal-Parroċċa fejn għadu jagħmel xogħol siewi sal-lum.

INŻOMMU
ĦAL BALZAN
NADIF